IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 1.12.2011
KUMM(2011) 827 finali

2011/0391 (COD)

**Pakkett dwar l-ajruporti**

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Unjoni Ewropea**

**(Riformulazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEG(2011) 1443 finali}
{SEG(2011) 1444 finali}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### *1.1. Kuntest*

1. Fl-ajruporti fejn id-domanda min-naħa tal-linji tal-ajru għas-slots għat-tluq u għall-atterraġġ ikunu jeċċedu l-kapaċità tal-ajruport, il-mekkaniżmi ta' allokazzjoni tas-slots jintużaw biex tkun definita ġabra ta' regoli li għandhom jiġu segwiti għal dan l-għan. Għal kumpanija tal-ajru, il-ksib ta' slot f'ajruport ifisser li din tkun tista' tuża l-infrastrutturi kollha meħtieġa għall-operazzjoni ta' titjira f'ħin partikolari (runways, taxiways, post tal-parkeġġ u, fil-każ ta' titjiriet tal-passiġġieri, terminali). Skont xi jkunu l-karatteristiċi tal-ajruport, l-allokazzjoni tas-slots tista' tkun meħtieġa f'ċertu ħinijiet tal-ġurnata jew waqt ċertu perjodi li fihom tkun qed isseħħ ħafna attività. L-għan huwa li jkun żgurat li l-aċċess għall-ajruporti traffikużi jkun organizzat skont regoli ekwi, mhux diskriminatorji u trasparenti biex isseħħ l-allokazzjoni tas-slots għat-tluq u l-atterraġġ, u b'hekk ikun hemm l-aqwa użu tal-kapaċitajiet tal-ajruporti u tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta.

2. Fl-1993, il-Komunità Ewropea adottat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (minn issa 'l quddiem "Regolament dwar is-slots"), u fl-2004 immodifikat diversi punti importanti minnu. Għalkemm l-avjazzjoni ċivili hija minnha nnifisha attività globali, hija wkoll sottomessa għal regolamenti lokali; din hija r-raġuni għaliex huwa importanti li wieħed jinnota li l-allokazzjoni tas-slots tiffunzjona b'mod differenti skont ir-reġjuni tad-dinja. Fl-Ewropa, ir-regolament dwar is-slots huwa mnebbaħ minn gwidi mondjali fformulati mill-Assoċjazzjoni tat-trasport internazzjonali tal-ajru (IATA).

3. Il-karatteristiċi prinċipali tas-sistema attwali ta' allokazzjoni tas-slots huma dawn li ġejjin: l-Istat Membru jrid jaħtar ajruport bħala ajruport ikkordinat jekk analiżi ddettaljata tal-kapaċità tagħti prova li l-kapaċità tal-ajruport ikkunsidrat tkun insuffiċjenti b'mod ċar[1]. Sussegwentement, l-Istat Membru jaħtar kordinatur għall-ajruport. Dan tal-aħħar huwa responsabbli għall-allokazzjoni tas-slots u għandu jaġixxi b'mod indipendenti, newtrali, trasparenti u mhux diskriminatorju.

4. Is-slots huma allokati għall-istaġun ajrunawtiku tas-sajf u għall-istaġun ajrunawtiku tax-xitwa. Jekk trasportatur uża serje ta' slots[2] waqt mill-inqas 80 % taż-żmien matul l-istaġun, dan se jkollu dritt għall-istess serje ta' slots waqt l-istaġun korrispondenti ta' wara ("slots storiċi", "drittijiet miksuba" jew "regola 80/20"). Jekk ma jintlaħaqx

---

[1] L-ajruporti li jistgħu jkunu mimlijin ħafna f'ċertu perjodi biss se jkunu kkwalifikati bħala ajruporti ffaċilitati bi skedi. F'dawn l-ajruporti, il-proċedura tistrieħ fuq kooperazzjoni volontarja bejn it-trasportaturi tal-ajru. Se jkun maħtur faċilitatur tal-iskedi sabiex jiffaċilita l-attivitajiet tat-trasportaturi tal-ajru.

[2] Skont l-Artikolu 2, il-punt (k), tar-regolament dwar is-slots, "serje ta' slots" tfisser "tal-anqas ħames slots fl-istess jum tal-ġimgħa regolarment fl-istess perjodu ta' skedar u allokati b'dak il-mod jew, jekk dan ma jkunx possibbli, allokati bejn wieħed u ieħor fl-istess ħin".

il-limitu, is-slots jitqiegħdu fil-ġabra ta' slots li jkunu għadhom iridu jiġu allokati. 50 % tas-slots huma, l-ewwel nett, allokati lill-applikanti l-ġodda[3].

5. Bħalissa hemm 89 ajruport li huma kkordinati għal kollox u jinsabu fl-Istati fejn japplika r-Regolament dwar is-slots (Spazju Ekonomiku Ewropew flimkien mal-Iżvizzera). Fost dawn l-ajruporti, 62 huma kkordinati matul is-sena kollha u 27 huma kkordinati fuq bażi staġjonali. F'uħud minn dawn l-ajruporti, bħal London Heathrow u Paris Orly, id-domanda teċċedi ferm il-kapaċità f'kull mument tas-sena; f'oħrajn, il-kapaċità hija limitata għal ċertu perjodi li matulhom isseħħ ħafna attività. Tmintax-il Stat Membru għandhom mill-inqas ajruport wieħed ikkordinat u għalhekk iridu jaħtru kordinatur.

### *1.2. Motivazzjoni u għanijiet tal-proposta*

6. L-implimentazzjoni tar-regolament dwar is-slots tejbet b'mod konsiderevoli, mil-lat tan-newtralità u tat-trasparenza fil-proċedura, l-allokazzjoni tas-slots fl-ajruporti traffikużi Ewropej; għaldaqstant ikkontribwixxiet ferm għall-ħolqien ta' suq intern tal-avjazzjoni. Ir-regolament dwar is-slots kien introdott fi żmien meta s-suq Ewropew tat-trasport bl-ajru kien għadu ddominat min-numru żgħir ta' kumpaniji nazzjonali tradizzjonali. Madankollu, il-kompetizzjoni llum il-ġurnata hija ħafna aktar dinamika. Sa mill-1992, in-numru ta' rotot fl-UE stess aktar minn irdoppja u t-titjiriet fit-tul li telqu minn ajruporti Ewropej żdiedu b'150 %. Fl-1992, kienu biss 93 rotta fl-Ewropa li ġew użati minn iktar minn żewġ linji tal-ajru. Fl-2010, dawn ir-rotot kienu jammontaw għal 479. Wieħed jista' jistaqsi jekk progress bħal dan setax iseħħ mingħajr sistema li tiggarantixxi li s-slots fl-ajruporti traffikużi jkunu allokati b'mod ħieles minn kull influwenza mhux ġustifikata min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi, tal-kumpaniji nazzjonali jew tal-ajruporti.

7. Hekk kif enfasizzaw il-Eurocontrol u l-ACI Europe[4], waħda mill-isfidi prinċipali li qed taffronta l-Ewropa hija s-saturazzjoni tal-ajruporti. Skont il-previżjonijiet għal tul ta' żmien tal-Eurocontrol[5], ippubblikati f'Diċembru 2010, anke meta jiġi kkunsidrat it-titjib tal-infrastrutturi previst sal-lum il-ġurnata, mill-inqas 10 % tad-domanda tat-trasport bl-ajru mhux se tkun issodisfata fl-2030 minħabba li l-kapaċità tkun insuffiċjenti. Minbarra dan, il-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta turi li, fl-aktar ajruporti traffikużi tal-Unjoni, mhuwiex probabbli li s-sitwazzjoni attwali titjieb, anke jekk jiġu kkunsidrati l-pjanijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet[6].

8. Fir-rigward tan-nuqqas ta' kapaċitajiet fl-ajruporti primarji u ta' konsegwenzi fuq il-mobbiltà taċ-ċittadini Ewropej, is-soluzzjoni tidher li qed tkun dik li jinbnew runways u infrastrutturi ġodda tal-ajruporti. Madankollu, l-impatt tal-infrastrutturi fuq l-ambjent u l-ġestjoni tat-territorju jikkostitwixxi tħassib li qiegħed dejjem jikber.

---

3 Skont l-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament dwar is-slots, applikant ġdid huwa trasportatur li jkollu ħin limitat ta' preżenza f'ajruport.

4 Airport Council International Europe (www.aci-europe.org).

5 http://www.eurocontrol.int/statfor/gallery/content/public/forecasts/Doc415-LTF10-Report-Vol1.pdf. Iċ-ċifri li jidhru fir-rapport tal-Eurocontrol huma marbuta biss mal-movimenti tal-ajru IFR (operati skont ir-regoli tal-istrumenti tat-titjira).

6 Ara t-Tabella nru 1 Tbassir tal-Konġestjoni fl-Ajruporti, Analiżi tal-impatt li takkumpanja din il-proposta, p. 17.

Minbarra dan, il-kriżi ekonomika attwali tikkonferma l-importanza li tkun żgurata vijabbiltà tal-baġit fuq terminu twil ta' żmien. Huwa xieraq li jinstabu soluzzjonijiet aktar effiċjenti u ekonomiċi mill-estensjoni tal-infrastrutturi materjali bħala rimedju għas-saturazzjoni.

9. Huwa ċar li mekkaniżmu ta' allokazzjoni tas-slots ma jistax iwassal għal kapaċitajiet ulterjuri. Barra minn dan, l-allokazzjoni tas-slots ma tistax issolvi d-diversi diffikultajiet li jinħolqu minħabba nuqqas ta' kapaċita: pereżempju, kif jistgħu jkunu żgurati rotot tal-ajru xierqa lejn ir-reġjuni tal-Ewropa li jibdew mill-ajruporti b'kapaċità limitata, jew isir titjib fil-konnessjonijiet bejn l-ajruporti b'konġestjoni u r-reġjuni kollha tad-dinja? L-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi ta' allokazzjoni tas-slots qatt mhu se jkun biżżejjed biex jiġu indirizzati dawn il-ħtiġijiet importanti. Dawn is-sistemi madankollu jistgħu jikkostitwixxu strument effiċjenti għall-ġestjoni tal-kapaċitajiet limitati.

10. Għalhekk, huwa meħtieġ li r-regolament dwar is-slots ikun rivedut sabiex jiġi ddeterminat b'liema mod dan jista' jittejjeb bil-għan li l-kapaċità tkun tikkorrispondi mad-domanda tat-trasport bl-ajru fis-setturi kollha (titjiriet fit-tul, rotot reġjonali, trasport tal-merkanzija, eċċ). Il-White Paper dwar it-trasport ta' Marzu 2011 tagħraf l-importanza tal-allokazzjoni tas-slots bil-għan li jinħoloq suq integrat u effiċjenti fil-perspettiva ta' spazju Ewropew uniku tat-trasport; din il-White Paper hija parti mill-inizjattiva ewlenija dwar Ewropa effiċjenti fl-użu tar-riżorsi mnedija fil-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020. Minn dak iż-żmien, il-Kummissjoni kkunsidrat b'reqqa kbira l-introduzzjoni tal-mekkaniżmi bbażati fuq is-suq biex ikun ġestit l-użu tas-slots tal-ajruporti: fil-fatt, billi l-atturi tas-suq (il-linji tal-ajru) ikunu offruti inċentivi u vantaġġi li jistgħu jinfluwenzaw b'mod pożittiv l-imġiba tagħhom, il-kapaċitajiet limitati disponibbli jistgħu jintużaw minn dawk li jistgħu jagħmlu l-aħjar użu ekonomiku minnhom. Użu aktar razzjonali tal-kapaċitajiet limitati disponibbli għandu jkun għalhekk possibbli mingħajr estensjoni tal-kapaċitajiet fiżiċi eżistenti.

11. Suq bħal dan tas-slots tal-ajruporti (fil-forma ta' suq sekondarju) ilu jiffunzjona għal xi żmien f'ajruporti tar-Renju Unit, hekk kif iddikkjarat il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tal-2008[7]. B'dan il-mod, is-slots disponibbli fl-ajruport ta' Heathrow ġew innegozjati bi prezzijiet għoljin: f'Marzu 2008, xterdet ħafna l-informazzjoni li Continental Airlines ħallset 209 miljun dollaru Amerikan (EUR 143 miljun skont ir-rati tal-kambju tal-ġurnata) għal erba' pari ta' slots f'Heathrow.

12. F'dawn l-aħħar snin, il-ħtieġa ta' tisħiħ tal-prestazzjoni tas-sistema tat-trasport bl-ajru fil-livell Ewropew ingħatat attenzjoni akbar. It-tibdiliet li saru fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa sa mill-2009 fil-qafas tal-inizjattivi "Ajru Uniku Ewropew" huma xhieda li s-sistema, f'ċertu aspetti, hija ġestita aħjar fil-livell Ewropew jew dak reġjonali. Dan jidher permezz tal-ħolqien ta' blokki funzjonali ta' spazju tal-ajru u t-tisħiħ tal-funzjonijiet ċentrali bħall-ġestjoni tan-netwerk. Minħabba n-natura tan-netwerk, li tinkludi fl-istess ħin ir-rotot minn punt għall-ieħor u rotot arterjali, mhuwiex possibbli li wieħed jevita li l-problemi f'parti minn netwerk (pereżempju, l-għeluq ta' ċentru importanti) jħallu xi riperkussjonijiet fuq partijiet oħra tan-netwerk. Din l-osservazzjoni hija aktar evidenti, pereżempju, meta l-partijiet essenzjali tan-netwerk jiffunzjonaw sal-livell massimu tal-kapaċità tagħhom jew eżatt taħt dan il-

---

[7] COM (2008) 227.

livell, u dan inaqqas il-marġini disponibbli biex jintlaqgħu t-titjiriet li tkun inbidlitilhom ir-rotta tagħhom. Għaldaqstant, titjib fil-prestazzjoni tas-sistema Ewropea tfisser ukoll titjib fil-kapaċità ta' reżistenza tagħha għall-kriżijiet.

### *1.3. Għanijiet tal-proposta*

13. L-għan ġenerali huwa li jiġu żgurati l-allokazzjoni u l-aqwa użu tas-slots tal-ajruporti fl-ajruporti traffikużi. L-għanijiet speċifiċi huma dawn li ġejjin:

(1) li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' allokazzjoni u użu tas-slots u li tkun garantita l-applikazzjoni effettiva tagħhom; u

(2) li tkun iffavorita kompetizzjoni leali u tkun imħeġġa l-kompetittività bejn l-operaturi.

### *1.4. Dispożizzjoni eżistenti fil-qasam tal-proposta*

14. Il-proposta tikkonċerna emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità. L-ebda dispożizzjoni oħra ma titratta direttament l-allokazzjoni tas-slots.

### *1.5. Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet oħra tal-Unjoni Ewropea*

15. Din l-inizjattiva hija waħda mill-azzjonijiet meħtieġa għat-twaqqif ta' spazju uniku Ewropew tat-trasport deskritt fil-White Paper tal-Kummissjoni bl-isem "Lejn sistema ta' trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" [COM (2011) 144]. Din hija wkoll parti mill-grupp ta' miżuri "pakkett tal-ajruporti", ikkwalifikat bħala inizjattiva strateġika fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2011 [COM (2010) 623] bil-għan li jkun sfruttat il-potenzjal ta' tkabbir tas-suq uniku.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-ANALIŻI TA' IMPATT

### *2.1. Konsultazzjoni tal-partijiet interessati*

16. Wara l-ewwel konsultazzjoni tal-partijiet interessati fl-2007, u wara l-adozzjoni tal-Komunikazzjonijiet tal-2007 (COM(2007)704) u tal-2008 (COM(2008)227), f'Settembru 2010, il-Kummissjoni varat konsultazzjoni pubblika mifruxa onlajn bil-għan li jkun ivvalutat il-funzjonament tar-Regolament f'dak iż-żmien u li jkun hemm kummenti mill-partijiet ikkonċernati dwar lista ddettaljata ta' miżuri li jistgħu jkunu stabbiliti fil-qafas ta' reviżjoni tar-Regolament. Fid-29 ta' Novembru 2010, kien organizzat it-tieni smigħ tal-partijiet ikkonċernati ma' 16-il Stat Membru u rappreżentanti tal-partijiet interessati differenti kkonċernati.

17. Sintesi tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni tinsab fuq il-websajt tal-Kummissjoni[8]. It-trasportaturi huma b'mod ġenerali, sodisfatti bil-funzjonament tar-Regolament dwar is-slots hekk kif inhu bħalissa; għalhekk, il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu u li huma parti minn dan il-grupp ma huma favur l-ebda emenda. Il-fatt li s-sistema ta'

---

8 http://ec.europa.eu/transport/air/studies/airports_en.htm. Is-sintesi tinsab fil-punt 8 tal-istudju dwar l-għażliet ta' reviżjoni tar-Regolament dwar is-slots (Steer Davies Gleave, 2011).

allokazzjoni tas-slots tirregola fil-prattika l-aċċess għal uħud mill-ajruporti l-aktar rikjesti fid-dinja jispjega l-karattru sensittiv tal-kwistjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-linji tal-ajru. Diversi linji tal-ajru jenfasizzaw li l-problema prinċipali hija dik ta' nuqqas ta' kapaċitajiet fl-ajruporti, liema problema ma tkunx solvuta bir-Regolament dwar is-slots.

18. L-ajruporti u l-assoċjazzjonijiet tal-ajruporti jaraw ukoll li hemm il-ħtieġa ta' bidla u għalhekk għandhom aktar tendenza li jsibu użu għas-soluzzjonijiet avvanzati tul il-konsultazzjoni. Dan japplika wkoll, anke jekk sa ċertu punt, għall-kordinaturi tas-slots. Id-differenzi fl-opinjonijiet bejn l-Istati Membri u bejn l-oħrajn li jwieġbu huma aktar numerużi, għalkemm dawn il-partijiet ikkonċernati ġeneralment ikunu aktar favur emenda tar-Regolament dwar is-slots.

### *2.2. Ġbir u użu ta' għarfien espert*

19. Il-monitoraġġ kontinwu tal-funzjonament tar-Regolament, imwettaq mill-Kummissjoni, kien akkumpanjat minn diversi studji esterni, u r-riżultati tiegħu huma disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni[9]. Fl-2010 il-Kummissjoni ddeċidiet b'mod partikolari li twettaq analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni għall-perjodu ta' żmien 2006-2010[10]. Skont il-konklużjonijiet ta' dan l-istudju, diversi problemi jistgħu attwalment ixekklu l-użu effiċjenti tal-kapaċitajiet tal-ajruporti fl-Ewropa.

### *2.3. Valutazzjoni tal-impatt*

20. Il-valutazzjoni tal-impatt tipprovdi ħarsa ġenerali fuq is-soluzzjonijiet differenti previsti. Il-kontenut tat-tliet pakketti ta' miżuri jista' jitqassar kif ġej.

21. L-ewwel pakkett fih miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-allokazzjoni u l-użu tas-slots, mingħajr ma jbiddlu n-natura amministrattiva tas-sistema. Is-sistema attwali għandha titjieb f'diversi aspetti, iżda mhu se jkun introdott l-ebda mekkaniżmu bbażat fuq is-suq. Minħabba l-limitazzjonijiet ta' dan il-pakkett, il-benefiċċji stmati huma pjuttost modesti: żieda medja annwali ta' 0.4 % fin-numru tal-passaġġieri trasportati.

22. It-tieni pakkett jinkludi l-elementi tal-ewwel pakkett iżda jżid magħhom aktar elementi, inkluż mekkaniżmi bbażati fuq is-suq (jipprevedi b'mod espliċitu l-possibbiltà li jkun stabbilit suq sekondarju tas-slots fil-pajjiżi tal-UE). Fih ukoll diversi proposti li jiffavorixxu l-kompetizzjoni, bħar-reviżjoni tar-regola dwar il-membri l-ġodda u d-definizzjoni tal-kriterji li huma ftit aktar stretti għall-għoti ta' prijorità għall-allokazzjoni ta' slots għall-istaġun li ġej. ("dritt akkwistat"). Għall-perjodu ta' żmien 2012-2025, huwa stmat illi dan il-pakkett għandu jippermetti żieda medja annwali ta' 1.6 % (jiġifieri 23.8 miljun) tan-numru ta' passiġġieri trasportati, benefiċċju ekonomiku nett ta' EUR 5.3 biljun kif ukoll żieda sinifikanti fix-xogħol (sa 62,000 impjieg full-time).

---

[9] Nikkwotaw b'mod partikolari: National Economic Research Associates (NERA), Study to assess the effects of different slot allocation schemes, 2004, et Mott MacDonald, Study on the impact of the introduction of secondary trading at Community airports, 2006. L-istudji kollha msemmija huma disponibbli fuq is-sit http://ec.europa.eu/transport/air/studies/airports_en.htm

[10] Ara l-istudju ta' Steer Davies Gleave imsemmi fin-nota f'qiegħ il-paġna 8.

23. Hemm ir-riskju li dan il-pakkett iħalli impatti negattivi fuq l-ambjent hekk kif l-emissjonijiet tas-$CO_2$ se jiżdiedu minħabba ż-żieda fin-numru ta' titjiriet. Madankollu, minħabba li mill-2012, l-emissjonijiet tas-$CO_2$ dovuti għat-trasport bl-ajru se jkunu magħduda fis-sistema ġenerali ta' negozju ta' kwoti ta' emissjonijiet, din is-serje ta' miżuri m'għandhiex twassal għal żieda fit-total tal-emissjonijiet tas-$CO_2$. Hekk kif, minbarra dan, il-kapaċitajiet eżistenti se jkunu użati b'mod aktar intensiv, wieħed ikun jista' jevita l-impatti ambjentali dovuti għaż-żieda fil-kapaċitajiet.

24. It-tielet pakkett jinkludi l-elementi kollha tat-tieni pakkett iżda jiżviluppa aktar il-mekkaniżmu bbażat fuq is-suq billi jipprevedi l-irtirar tas-slots rilevanti tad-"dritt akkwistat" jew "slot storiku" u l-irkant tagħhom. Dan il-pakkett għandu jippermetti żieda ta' bejn 1.9 % u 2 % fin-numru ta' utenti tat-trasport bl-ajru, li jirrappreżenta minn 27.3 sa 28.7 miljun passiġġier aktar fis-sena. Madankollu, minħabba li din hija miżura bla preċedent, l-impatt pożittiv potenzjali tagħha għandu jkun ibbilanċjat mar-riskju li hemm għall-linji tal-ajru, li jaraw l-ispejjeż tagħhom għall-funzjonament jiżdiedu b'mod konsiderevoli, u dan minħabba t-tfixkil fil-ħinijiet u l-mudell ta' funzjonament arterjali tagħhom li jistrieħ fuq portafoll vast ta' slots fl-ajruporti traffikużi. Għaldaqstant, dan il-pakkett iwassal għal benefiċċji ekonomiċi anqas importanti, jiġifieri bejn EUR 2.8 u 5 biljun.

25. Meta tiġi kkunsidrata l-evalwazzjoni tal-pakketti differenti ta' miżuri abbażi tal-kriterji ta' effikaċja, effiċjenza u konsistenza, huwa rrakomandat li jiġi implimentat it-tieni pakkett minħabba li l-benefiċċji tiegħu jibqgħu konsiderevolment ogħla mill-ispejjeż li joħloq.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### *3.1. Sinteżi tal-miżuri proposti*

#### *3.1.1. Introduzzjoni tal-possibbiltà ta' kummerċ sekondarju tas-slots u t-tisħiħ tal-kompetizzjoni*

26. Sabiex tkun imħeġġa mobbiltà akbar tas-slots, il-proposta tawtorizza speċifikatament lill-kumpaniji jixtru u jbiegħu s-slots. It-titjib fil-mobbiltà tas-slots għandu jgħin biex il-linji tal-ajru jadattaw il-portafolli tagħhom skont il-ħtiġijiet tagħhom ta' pjanar. Ir-Regolament dwar is-slots diġà jawtorizza l-iskambji tas-slots bejn il-linji tal-ajru. F'bosta każi, dan jikkonsisti fl-iskambju ta' slots disponibbli f'ħin riċerkat tal-ġurnata ma' slot "fqir", jiġifieri slot li jkun filgħaxija tard jew kmieni waranofsinhar, u għaldaqstant ma jkunx partikolarment utli. Ladarba titwettaq it-tranżazzjoni, is-"slot fqir" li kellu biss valur ta' skambju, jerġa' jitqiegħed lura fl-iskeda. Skont ir-regolament attwali, it-trasferimenti tas-slots mhumiex awtorizzati ħlief f'numru ta' każi limitati ħafna.

27. Ir-regola fis-seħħ dwar il-membri l-ġodda, li tagħti prijorità lill-linji tal-ajru li m'għandhomx ħlief xi slots f'ajruport kordinat, ma tatx ir-riżultati mistennija. Ġeneralment, kompetitur b'saħħtu li jibda jopera f'ajruport speċifiku jkun jeħtieġlu jibni portafoll ta' slots vijabbli biex ikun jista' realment jikkompeti mat-trasportatur dominanti f'dan l-ajruport (normalment it-trasportatur "nazzjonali"). Skont ir-regoli fis-seħħ, il-linji tal-ajru malajr joħorġu mill-kamp tad-definizzjoni ta' parteċipant ġdid, anke jekk ikollhom ftit slots. Din hija r-raġuni għaliex qed ikun propost li

titwessa' d-definizzjoni ta' parteċipant ġdid biex b'hekk ikun iffaċilitat il-bidu ta' kompetituri serji u titnaqqas il-frammentazzjoni ta' programmi ta' użu li sseħħ meta s-slots jingħataw lil numru akbar ta' kumpaniji, li ma jistgħux jużawhom b'mod li jikkompetu fit-tul ma' trasportaturi dominanti.

### *3.1.2. Tisħiħ tat-trasparenza fil-proċedura ta' allokazzjoni tas-slots u l-indipendenza tal-kordinaturi tas-slots*

28. Il-proposta fiha diversi dispożizzjonijiet bl-għan li jiggarantixxu li l-proċedura ta' allokazzjoni tas-slots isseħħ b'digriet suffiċjenti ta' trasparenza. Dan huwa importanti mhux biss għall-kumpaniji li jużaw is-slots iżda wkoll għall-awtoritajiet pubbliċi li għandhom funzjonijiet regolatorji. Dan huwa saħansitra aktar importanti fil-qafas ta' sistema fejn huwa permess il-kummerċ sekondarju.

29. Il-proposta se tippermetti li jkunu ddefiniti l-kriterji l-aktar stretti għall-indipendenza tal-kordinaturi fir-rigward tal-partijiet kollha interessati. Din tfittex ukoll li ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-kordinaturi billi qabel xejn tistabbilixxi proġetti komuni li jikkonċernaw, pereżempju, l-iżvilupp ta' softwer komuni għall-allokazzjoni tas-slots, jiġifieri l-għaqda ta' attivitajiet ta' kordinazzjoni għal ajruporti fi Stati Membri differenti. Abbażi tal-progress li twettaq, il-Kummissjoni tista' tipproponi li għal ċertu perjodu ta' żmien ikun hemm il-ħolqien ta' kordinatur Ewropew responsabbli għall-allokazzjoni tas-slots fl-ajruporti kollha tal-Unjoni.

### *3.1.3. L-integrazzjoni tas-sistema ta' allokazzjoni tas-slots mar-riforma fis-sistema Ewropea ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (Ajru Uniku Ewropew)*

30. Il-proposta għandha l-għan li tgħin, b'mod partikolari, fit-tisħiħ tal-ġestjoni tan-netwerk tat-trasport bl-ajru fil-livell Ewropew billi tinvolvi lil min ikun responsabbli min-netwerk Ewropew fil-proċedura ta' allokazzjoni tas-slots. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' titlob li titwettaq analiżi tal-kapaċità ta' ajruport, fil-każ li l-maniġer responsabbli għan-netwerk iqis li dan huwa meħtieġ, sabiex ikun hemm garanzija ta' konsistenza mal-programm ta' użu tal-ajruport (diġà previst fir-Regolament li joħloq il-pożizzjoni ta' maniġer responsabbli għan-netwerk). Din l-analiżi tal-kapaċitajiet għandha titwettaq skont in-normi approvati fil-livell Ewropew. Minbarra dan, il-Kummissjoni tista' tagħmel xi rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet jekk min imexxi n-netwerk iqis li l-ħtiġijiet tal-funzjonament tan-netwerk Ewropew ma jkunux qed jiġu kkunsidrati għall-aħħar. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom bħala għan li jippermettu lill-Istat Membru li jikkunsidra l-evoluzzjoni tan-netwerk Ewropew u li jfiehmu aħjar l-impatt li għandha l-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet tal-ajruporti fuq in-netwerk kollu, u dan, pereżempju, f'termini ta' dewmien.

31. Il-proposta tintroduċi wkoll kategorija ġdida ta' ajruport: l-"ajruport li jagħmel parti min-netwerk". L-ajruporti ta' dan it-tip mhumiex kordinati, iżda huma meqjusa importanti għaliex jistgħu joffru soluzzjonijiet ta' emerġenza f'każ ta' tfixkil fin-netwerk. Għaldaqstant, il-proposta tipprevedi li l-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet f'dawn l-ajruporti se tintlaqa' mill-kordinaturi.

### 3.1.4. *Emenda tar-"regola 80/20" u tad-definizzjoni tas-serje ta' slots u l-użu ta' sistema ta' tariffi tal-ajruporti sabiex jiskoraġġixxu d-dewmien fit-tqegħid mill-ġdid tas-slots fil-pool*

32. Sabiex il-kapaċità eżistenti tkun użata bl-aqwa mod, il-proposta ġġib magħha xi tibdiliet fil-kriterji applikati għall-użu tas-slots tal-ajruport fid-dawl tal-għoti tad-"dritt akkwistat". Sabiex kumpanija tal-ajru tingħata prijorità għall-allokazzjoni ta' slot waqt l-istaġun ajrunawtiku korrispondenti li jmiss, din għandha tuża mill-inqas 85 % tas-serje tas-slots allokati (minflok 80 % li hemm bħalissa).

33. Minbarra dan, it-tul minimu ta' serje (jiġifieri n-numru minimu ta' slots fil-ġimgħa rikjesti sabiex tingħata prijorità ta' allokazzjoni għall-istaġun korrispondenti li jmiss) titla minn 5 għal 15 għall-istaġun ajrunawtiku tas-sajf u għal 10 fl-istaġun ajrunawtiku tax-xitwa. Iż-żieda fit-tul tas-serje ta' slots għandha tnaqqas il-frammentazzjoni tal-istruttura tas-slots f'ajruport, minħabba li serje qosra li jiffavorixxu drittijiet akkwistati jistgħu jfixklu l-użu ta' serje itwal minn linji tal-ajru oħrajn. Huma previsti xi eċċezzjonijiet għal ċertu tipi ta' traffiku (charter) bil-għan li jkunu kkunsidrati l-karatteristiċi ta' ajruporti reġjonali.

34. Sabiex jiġi ggarantit illi slots li jkunu ġew riservati qabel il-bidu ta' staġun ajrunawtiku jintużaw fil-fatt skont il-programm tal-linji tal-ajru, il-proposta tawtorizza l-ajruporti sabiex jużaw is-sistema ta' tariffi tal-ajruporti bil-għan li t-trasportaturi jkunu skoraġġuti milli jdumu biex jqiegħdu lura s-slots fil-pool. Il-fatt li tkun riservata l-kapaċità tal-ajruporti mingħajr ma tkun użata joħloq spiża li bħalissa qed iġarrbuha l-linji tal-ajru li jkunu qed joperaw. Il-proposta tħeġġeġ lill-korp li jimmaniġġa l-ajruporti sabiex tintroduċi sistema ta' tariffi li jiskoraġġixxu imġiba li twassal għal użu anqas effiċjenti tal-kapaċità tal-ajruporti.

### 3.2. *Dispożizzjonijiet li ma jinbidlux*

35. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin jerġgħu jittieħdu mir-regolament attwali mingħajr tibdiliet kbar: Artikolu 2(a), (b)(i), (e), (g), (k), (l), (o) u (p); Artikolu 3(1), (2, 4 u 6; Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu u (5); Artikolu 5(3)(a) u (d), u (4), (5) u (6); Artikolu 6(3)(a), (b) u (c); Artikolu 8(1)(a)(i), (ii), (iii) u (v), u (c); Artikolu 9(3), (6), (7) u (9); Artikolu 10(1), (5)(a)(i), u (iii) u (c) u (d), u (6); Artikolu 12; Artikolu 13(2), it-tieni subparagrafu, (b) u (c), (3), l-ewwel u t-tieni subparagrafi; Artikolu 16(1) u (5); Artikolu 19; Artikolu 21(2); u l-Artikolu 21(2).

### 3.3. *Bażi legali*

Artikolu 91 tat-TFUE.

### 3.4. *Prinċipju tas-sussidjarjetà*

36. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika, hekk kif il-proposta ma titrattax il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod adegwat mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin. L-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għal aċċess għall-ajruporti b'konġestjoni tal-UE tibqa' meħtieġa sabiex jiġi evitat li kunflitti bejn il-prattiki nazzjonali differenti joħolqu xkiel fis-suq tal-ajru. Din hija r-raġuni għaliex il-problemi marbuta mal-aċċess għall-ajruporti b'konġestjoni jeħtieġu soluzzjoni fil-livell Ewropew.

37. L-għan li jikkonsisti fil-garanzija tal-funzjonament tas-suq intern tal-avjazzjoni billi jitnaqqsu l-ostakli għall-iskambji fl-UE nnifisha li jirriżultaw mid-differenzi bejn in-normi jew il-prattiki nazzjonali ma jistax jintlaħaq kif xieraq mill-Istati Membri. Għalhekk, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà u meta wieħed iqis il-kobor u l-effetti tal-problema, tkun teħtieġ intervenzjoni fil-livell tal-UE.

38. Ir-regoli Ewropej fir-rigward tal-allokazzjoni tas-slots huma żieda essenzjali għal-leġiżlazzjoni Ewropea li fuqha huwa bbażat is-suq intern tal-avjazzjoni. Fil-fatt, sistema ġusta, trasparenti u mhux diskriminatorja ta' tqassim tal-kapaċitajiet fl-ajruporti fejn id-domanda teċċedi l-provvista hija determinanti biex tagħti ħajja lil-libertà tal-prestazzjoni tas-servizzi tal-ajru fl-UE nnifisha tat-trasportaturi bl-ajru Ewropej, hekk kif previst mil-liġi applikabbli tal-UE.

39. Għalhekk il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

### *3.5. Prinċipju ta' proporzjonalità*

40. Il-limitazzjonijiet żejda għall-operaturi ekonomiċi, għall-kordinaturi tas-slots u l-awtoritajiet nazzjonali huma limitati għal dawk meħtieġa sabiex tkun garantita proċedura mhux diskriminatorja ta' allokazzjoni tas-slots kif ukoll tqassim mill-aqwa tal-kapaċitajiet limitati fl-ajruporti li fihom l-aktar konġestjoni fl-Ewropa.

### *3.6. Għażla ta' strumenti*

41. Strument propost: ir-Regolament.

42. L-istrument legali għandu jkun wieħed ta' applikazzjoni ġenerali. Fih diversi obbligi li huma direttament applikabbli għall-kordinaturi tal-ajruporti, għat-trasportaturi bl-ajru kif ukoll korpi li jimmaniġġa l-ajruporti u l-ispazju tal-ajru fl-Ewropa u għall-Kummissjoni. Għaldaqstant, l-istrument legali l-aktar xieraq huwa r-regolament, hekk kif is-soluzzjonijiet l-oħra ma jippermettux li jinkisbu l-għanijiet mixtieqa.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

43. Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI MHUX OBBLIGATORJI

### *5.1. Simplifikazzjoni*

44. Il-proposta tissimplifika l-leġiżlazzjoni hekk kif tirriformola r-regolament dwar is-slots sabiex fi strument wieħed tinkludi l-verżjonijiet emendati ta' dan ir-regolament u l-emendi previsti fil-proposta attwali.

### *5.2. Tħassir tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi fis-seħħ*

45. L-adozzjoni tal-proposta se ġġib magħha t-tħassir tar-regolament dwar is-slots fis-seħħ.

### *5.3. Żona Ekonomika Ewropea*

46. L-att propost jikkonċerna kwistjoni li tirrigwarda ż-ŻEE u għalhekk għandu jkun estiż għaliha

↓ 95/93 (adattat)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Unjoni Ewropea**

**(Riformulazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea~~ ⌦ dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫, u b'mod partikolari l-Artikolu ⌦ 100(2) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali[11],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[12],

li jaġixxu skont il-proċedura amministrattiva ordinarja,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità[13] kien emendat diversi drabi u b'mod sostanzjali[14] Minħabba l-emendi l-ġodda u għal aktar ċarezza, l-imsemmi Regolament għandu jiġi riformulat.

[11] ĠU C […] ta' […], p. […].
[12] ĠU C […] ta' […], p. […],
[13] ĠU L 14, tat-22.1.1993, p. 1.
[14] Ara Anness I.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 95/93 ikkontribwixxa b'mod deċisiv għat-twettiq tas-suq intern tal-avjazzjoni u għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Istati terzi, hekk kif jagħti garanzija tal-aċċess għall-ajruporti b'konġestjoni tal-Unjoni skont regoli newtrali, trasparenti u mhux diskriminatorji.

---

🡻 95/93 premessa 1 (adattat)

(3) ⌦ Madankollu ⌫ , ~~Billi~~ ~~hemm~~ ⌦ jeżisti ⌫ żbilanċ dejjem jikber bejn l-espansjoni tas-sistema ta' trasport bl-ajru fl-Ewropa u d-disponibbiltà ⌦ ta' ċerti infrastrutturi tal-ajruporti ⌫ ~~tal-infrastruttura adegwata tal-ajruporti~~ biex ~~tlaħħaq~~ ilaħħqu ma' dik id-domanda. Bħala riżultat, hemm numru dejjem jikber ta' ajruporti b'konġestjoni ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫.

---

⇩ ġdid

(4) Is-sistema ta' allokazzjoni tas-slots, stabbilita fl-1993, ma tiżgurax allokazzjoni u użu mill-aqwa tas-slots u għalhekk tal-kapaċità tal-ajruporti. Fil-kuntest ta' konġestjoni tal-ajruporti li qiegħda dejjem tikber u tal-iżvilupp limitat tal-infrastrutturi tal-ajruporti l-prinċipali kbar, is-slots huma riżorsa skarsa. L-aċċess għal tali riżorsi huwa kruċjali għall-provvediment ta' servizzi tat-trasport bl-ajru u għall-ħarsien ta' kompetizzjoni effettiva. Għal dan il-għan l-allokazzjoni u l-użu tas-slots jistgħu jsiru aktar effiċjenti billi jkunu introdotti mekkaniżmi tas-suq, billi jkun garantit li s-slots mhux użati jkunu għad-dispożizzjoni ta' operaturi interessati malajr kemm jista' jkun u b'mod trasparenti u billi jissaħħu l-prinċipji bażi tas-sistema, u dan bl-istess mod fl-allokazzjoni, il-ġestjoni u l-użu tas-slots. Fl-istess ħin, għalkemm is-slots storiċi jwieġbu għall-ħtieġa ta' stabbiltà tas-slots għal-linji tal-ajru, meta sseħħ l-evalwazzjoni futura tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, jista' wkoll ikun ikkunsidrat li gradwalment ikunu introdotti mekkaniżmi oħra tas-suq bħall-irtirar tas-slots storiċi u l-irkant tagħhom.

(5) Għalhekk huwa meħtieġ li tkun modifikata s-sistema ta' allokazzjoni tas-slots fl-ajruporti tal-Unjoni.

---

🡻 95/93 premessa 2 (adattat)

(6) L-allokazzjoni ta' slots fl-ajruporti b'konġestjoni għandha ⌦ tkompli ⌫ tkun ibbażata fuq regoli newtrali, trasparenti u mhux diskriminatorji.

---

⇩ ġdid

(7) Is-sistema attwali ta' allokazzjoni tas-slots għandha tkun adattata għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi tas-suq użati f'ċertu ajruporti għat-trasferiment jew l-iskambju ta' slots. Fil-komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 95/93 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots

f'ajruporti tal-Komunità[15], il-Kummissjoni impenjat ruħha li jekk ikun meħtieġ, għal raġunijiet li jolqtu l-kompetizzjoni jew oħrajn, tippreżenta proposti sabiex ikun hemm reviżjoni tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

(8) L-esperjenza turi li l-kummerċ sekondarju tas-slots, jiġifieri l-iskambju tas-slots b'kumpens fi flus jew kumpens ta' natura oħra, ma jibbenefikax minn qafas leġiżlattiv uniformi u konsistenti, li jkollu garanziji ta' trasparenza u ta' ħarsien tal-kompetizzjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li l-kummerċ sekondarju tas-slots ikun definit aħjar fl-Unjoni Ewropea.

---

| ➔ 95/93 premessa 6<br>⇨ ġdid |
|---|

(9) It-trasparenza tal-informazzjoni hi element essenzjali biex tiġi assigurata proċedura oġġettiva għall-allokazzjoni ta' slots; ⇨ Huwa meħtieġ li din it-trasparenza tkun imsaħħa u li jkun ikkunsidrat il-progress teknoloġiku. ⇦

---

| ➔ 95/93 premessa 10 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(10) Għand~~u~~hom wkoll ~~ikun hemm~~ ⌦ ikunu previsti ⌫ dispożizzjonijiet li jippermettu applikanti ġodda fis-suq ~~Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫. ⇨ L-esperjenza turi li d-definizzjoni attwali ta' membru ġdid ma rnexxiliex tippromwovi l-kompetizzjoni b'mod sħiħ u għalhekk trid tiġi modifikata f'sens utli. Minbarra dan, huwa meħtieġ li jkun hemm għlieda kontra l-abbużi, billi tkun limitata l-possibbiltà għal operatur li dan ikollu statut ta' membru ġdid jekk, flimkien mal-kumpanija ewlenija, l-affiljati tagħha jew l-affiljati tal-kumpanija ewlenija tiegħu, ikollu aktar minn 10 % tan-numru totali tas-slots allokati fil-jum inkwistjoni f'ajruport partikolari. Bl-istess mod, trasportatur bl-ajru ma għandux ikun ikkunsidrat bħala membru ġdid jekk ikun għamel trasferiment tas-slots miksuba bħala membru ġdid sabiex ikun jista' jerġa jinvoka dan l-istatut. ⇦

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(11) Huwa xieraq li titneħħa l-prijorità mogħtija lil trasportatur bl-ajru li tikkonsisti fit-talba li tiġi allokata lilu serje ta' slots f'ajruport għal servizz regolari tal-passiġġieri mingħajr waqfien bejn dan l-ajruport u ajruport reġjonali, sakemm din is-sitwazzjoni tkun diġà koperta mill-prijorità li tingħata lil trasportatur bl-ajru li tikkonsisti fit-talba li tiġi allokata lilu serje ta' slots bil-għan li jkun hemm servizz regolari ta' passiġġieri mingħajr waqfien bejn żewġ ajruporti tal-Unjoni.

---

[15] COM(2008)227.

↓ 95/93 premessa 12 (adattat)

(12) Hu ukoll ~~meħtieġ~~ ⌦ xieraq ⌫ li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn, minħabba nuqqas ta' slots disponibbli, il-benefiċċji ta' liberalizzazzjoni jkunu mqassma b'mod mhux ekwu u l-kompetizzjoni ma tkunx kif suppost.

---

⇩ ġdid

(13) Il-progress li twettaq fl-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew għandu impatt importanti fuq il-proċess ta' allokazzjoni tas-slots. L-impożizzjoni ta' skemi ta' prestazzjoni, li skont dawn l-ajruporti, il-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u l-utenti tal-ispazju tal-ajru huma sottomessi għal regoli ta' monitoraġġ u ta' titjib fil-prestazzjoni, u l-funzjoni tal-ġestjoni tan-netwerk, ibbażata fuq l-implimentazzjoni ta' netwerk Ewropew tar-rotot u ġestjoni ċentrali tat-traffiku tal-ajru, jimponu aġġornament tar-regoli ta' allokazzjoni tas-slots. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħoloq qafas xieraq li jippermetti l-involviment tal-operatur tan-netwerk, tal-korp tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali ta' monitoraġġ fil-proċedura ta' ffissar tal-kapaċità tal-ajruporti u l-parametri ta' kordinament. Għandha wkoll tinħoloq kategorija ġdida ta' ajruporti li jkollha interess għal dan in-netwerk bil-għan li tippermetti reazzjoni aħjar tan-netwerk f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi.

(14) Għandu jkun żgurat tqabbil aħjar bejn il-pjanijiet tat-titjiriet u s-slots bil-għan li tkun użata aħjar il-kapaċità tal-ajruporti u li titjieb il-puntwalità tat-tijiriet.

---

↓ 95/93 premessa 5 (adattat)
⇨ ġdid

(15) L-Istat Membri responsabbli għall-ajruport ⌦ bi skedi ffaċilitati jew ⌫ ikkordinat għandu jassigura n-nomina ta' kordinatur li ma jkun hemm ebda dubju dwar in-newtralità tiegħu. ⇨Għal dan il-għan, ir-rwol ta' kordinatur għandu jkun imsaħħaħ. Huwa xieraq għalhekk li tkun prevista l-indipendenza legali, organizzattiva, ta' deċiżjonijiet u finanzjarja tal-kordinatur fir-rigward ta' kwalunkwe parti interessata, tal-Istat Membru u tal-korpi li jiddependu fuq dan l-Istat. Sabiex jiġi evitat li l-attività tal-kordinatur tkun affettwata minn nuqqas ta' riżorsi umani, tekniċi jew finanzjarji, jew ta' għarfien espert, l-Istat Membru għandu jipprovdi dawn lill-kordinatur tar-riżorsi biex b'hekk jippermettilu li jwettaq għal kollox l-attivitajiet tiegħu. ⇦

---

⇩ ġdid

(16) Huwa xieraq li jiġu introdotti obbligi ulterjuri għat-trasportaturi bl-ajru fir-rigward tat-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-kordinatur. Għandhom ikunu previsti sanzjonijiet ulterjuri f'każ ta' nuqqas ta' informazzjoni jew ta' trażmissjoni ta' informazzjoni falza jew qarrieqa. Fir-rigward ta' ajruporti li huma parti minn netwerk, it-trasportaturi bl-ajru għandu jkollhom obbligu li jikkomunikaw l-intenzjonijiet tagħhom dwar it-titjira

jew informazzjoni oħra pertinenti mitluba mill-kordinatur jew mill-faċilitatur tal-iskedi.

(17) Huwa xieraq li l-Unjoni tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-kordinaturi u l-faċilitaturi tal-iskedi sabiex tippermettilhom li jiskambjaw il-prattiċi tajbin tagħhom, bil-għan li meta jkun il-waqt, jinħoloq kordinatur Ewropew.

---

| ➔95/93 premessa 4 (adattat) |
|---|

(18) ~~Permezz ta' ċerti kundizzjonijiet, sabiex ikunu ffaċilitati l-operazzjonijiet, hu mixtieq li Stat Membru jkun kapaċi jinnomina~~ A~~a~~jruport ⌦ jista' jikkwalifika ⌫ bħala kkordinat basta li l-prinċipji ta' trasparenza, newtralità u nondiskriminazzjoni jkunu osservati ⌦ skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ⌫.

---

| ➔95/93 premessa 3 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(19) ~~Il-ħtieġa ta' newtralità hija l-aħjar iggarantita meta~~ Id-deċiżjoni biex jiġi kkordinat ajruport ⌦ għandha ⌫ tittieħed mill-Istat Membru responsabbli għal dak l-ajruport fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi. ⇨Filwaqt li jiġi kkunsidrat il-progress imwettaq fl-implimentazzjoni ta' Ajru Uniku Ewropew u fil-funzjoni ta' operatur tan-netwerk, huwa utli li jitqarrbu l-metodi ta' evalwazzjoni tal-kapaċità tal-ajruporti sabiex ikun żgurat funzjonament aħjar tan-netwerk Ewropew tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. ⇦

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(20) Huwa meħtieġ li tiġi prevista l-proċedura li permezz tagħha Stat Membru jiddeċiedi li jimmodifika l-kwalifikazzjoni ta' ajruport kordinat jew ta' ajruport b'faċilitazzjoni ta' skedi biex jagħmilhom, rispettivament, ajruport faċilitat bi skedi jew ajruport mingħajr statut.

---

| ➔ 95/93 premessa 7 |
|---|

~~Il-prinċipji li jirregolaw is-sistema eżistenti ta' allokazzjoni ta' slots tista' tkun il-bażi ta' dan ir-Regolament sakemm din is-sistema tevolvi f'armonija mal-evoluzzjoni ta' żviluppi ta' trasport ġdid fil-Komunità;~~

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(21) It-tul tal-validità ta' serje ta' slots għandha tkun limitata għall-perjodu ta' skedar li għaliha tkun allokata s-serje. Il-prijorità għall-allokazzjoni ta' serje ta' slots, anke dawk storiċi, għandha tinbet mill-allokazzjoni jew mill-konferma min-naħa tal-kordinatur.

🡻 95/93 premessa 8

~~Hija l-politika tal-Komunità li tiġi ffaċilitata l-kompetizzjoni u li jkun inkoraġġit dħul fis-suq, kif inhu pprovdut fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għal dawk li jagħmlu l-ġarr bl-ajru tal-Komunità f'rotot tal-ajru ġewwa l-Komunità~~[16]. ~~Dawn l-oġġettivi jeħtieġu appoġġ qawwi għall-dawk li jagħmlu l-ġarr li jkunu beħsiebhom jibdew operazzjonijiet fuq rotot ġewwa l-Komunità.~~

🡻 95/93 premessa 9

~~Is-sistema eżistenti tagħmel dispożizzjoni għal drittijiet soprapaternali.~~

🡻 95/93 premessa 11 (adattat)
⇨ ġdid

(22) Hu meħtieġ li ~~jsiru~~ ⌦ jitħarsu ⌫ dispożizzjonijiet speċjali, permezz ta' ċirkostanzi llimitati, għall-manutenzjoni ta' servizzi tal-ajru domestiċi adegwati għal reġjuni tal-Istat Membru ~~kkonċernat~~ ⌦ jew Stati Membri kkonċernati ⌫ ⇨ meta jkun ġie impost obbligu ta' servizz pubbliku ⇦

⇩ ġdid

(23) Hekk kif l-aspetti ambjentali jistgħu jkunu kkunsidrati fil-parametri ta' kordinazzjoni u s-servizz reġjonali jista' jkun żgurat b'mod sħiħ fil-kuntest tal-obbligi ta' servizz pubbliku, l-esperjenza ma tatx prova tal-utilità tar-regoli lokali. Minbarra dan, ma jistax ikun eskluż li regoli bħal dawn ma jwasslux għal diskriminazzjonijiet fl-allokazzjoni tas-slots. Għalhekk, huwa xieraq li tkun limitata l-possibbiltà li wieħed jirrikorri għar-regoli lokali. Il-limiti tekniċi, operattivi, ta' prestazzjoni u ambjentali kollha li jridu jkunu applikati mill-kordinaturi jew mill-faċilitaturi għandhom ikunu ddefiniti fil-parametri ta' kordinazzjoni. L-użu tar-regoli lokali għandu għalhekk ikun imnaqqas għall-monitoraġġ tal-użu tas-slots u għall-possibbiltà li jitnaqqas it-tul tas-serje tas-slots fil-każijiet previsti minn dan ir-Regolament. Bil-għan li jkun hemm promozzjoni ta' użu aħjar tal-kapaċità tal-ajruporti, huwa xieraq li jissaħħu żewġ prinċipji bażi fl-allokazzjoni tas-slots, jiġifieri d-definizzjoni tas-serje ta' slots u l-kalkolu tas-slots storiċi. Bl-istess mod, il-flessibbiltà mogħtija lit-trasportaturi bl-ajru għandha tkun deskritta aħjar bil-għan li jkun evitat tgħawwiġ fil-livell tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament fl-Istati Membri differenti. Huwa għalhekk xieraq li jkun imħeġġeġ użu aħjar tal-kapaċità tal-ajruporti

(24) Sabiex it-trasportaturi bl-ajru jkunu jistgħu jadattaw ruħhom għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza kbira ħafna, bħal tnaqqis kbir fit-traffiku jew kriżi ekonomika li taffettwa ħafna l-attività tat-trasportaturi bl-ajru, u li taffettwa l-maġġoranza tal-perjodu ta'

[16] ~~ĠU L 240, tal-24.8.1992, p. 8.~~

skedar, huwa xieraq li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri ta' urġenza bil-għan li tiżgura konsistenza tal-miżuri li għandhom jittieħdu fl-ajruporti kordinati. Dawn il-miżuri għandhom jippermettu lit-trasportaturi bl-ajru li jżommu l-prijorità fl-allokazzjoni tal-istess serje għall-perjodu li jmiss ta' skedar, ukoll jekk ma tintlaħaqx ir-rata ta' 85 %.

